MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru 98/2005

Rat l-imputazzjonijiet kontra John Gerada ta' 38 sena iben Lawrence u Theresa nee Bugeja imwieled Qormi fl-24 ta' Ġunju 1967 u residenti 114 Dockyard Street Paola u li għandu n-numru tal-akrta ta' l-identita 271767 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 t'April, 2005

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'tali ċirkostanzi li juru li ma kentix għall-użu esklussiv tiegħu;

b) U aktar talli fit-2 t'April 2005 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll, li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-4 ta' April 2005, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 2717 tas-sena 1967; il-fedina penali ta' l-imputat a fol 4 sa 5; ir-risposta ta' l-imputat li kien ta li mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh meta kien deher l-ewwel darba a fol 6 u 7; l-istqarrija ta' l-imputat li tidher a fol 15 u 16; id-dikjarazzjoni li għamlet il-prosekuzzjoni a fol 37 li l-imputat kellu jgawdi mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 f'massimu ta' żewg gradi; Dok DT li fih stqarrija ġuramentata magħmula mill-imputat quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman; ir-rapport magħmul minn Godwin Sammut quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman u jinsab a fol 44 tal-process; kopja tar-relazzjoni magħmula minn PS 1184 Patrick Grech fl-atti ta' l-inkjesta; ir-rapport mill-Probation Officer Victoria Grech; in-nota ta' sottomissjonijiet illi għamel l-ispettur Dennis Theuma kif wkoll it-trattazzjoni illi saret b'risposta mill-avukat difensur fit-23 ta' Novembru 2007.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Skond ix-xhieda ta' WPS 45 Marisa Bartolo, fit-2 ta' April 2005, kienu marru jagħmlu tfittxija fir-residenza 124 Triq it-Tarzna Paola. Il-kollegi tagħha kienu telgħu fuq u niżlu b'xi sustanza f'idejhom suspettata li kienet droga resina. Din kienet għamlet tfittxija isfel fil-presenza tas-sinjura ta' l-imputat fejn fuq siġġu, taħt cushion sabu biċċa kbira ta' sustanza suspettata cannabis resin. Din kienet elevata fil-presenza ta' l-imputat (fol 19). Kien wkoll elevat mus u frak li kien qiegħed fuq il-bank tal-kċina. L-imputat qal li kellu habit u xtara bicca kbira għax qal li jiffranka b'dan il-mod. Huwa kien indikalhom il-persuna li l-pulizija sabu d-dar ta' l-imputat bħala l-bniedem illi kien tah ir-resina.

Xehed PS 1086 Johann Micallef illi qal li fil-jum in kwistjoni tat-2 ta' April 2005 kienu daħlu fil-fond ta' l-imputat għax kienu raw persuna ta' nazzjonalita Għarbija tidħol ġewwa. Huma kienu sabu lill-imputat fil-kamra tas-sodda waqt illi l-mara kienet isfel bit-tifla u kien hemm dan l-Għarbi. L-Għarbi kellu LM400 fil-but. L-Għarbi beda jgħid illi l-flus kienu tiegħu u li kien daħal bihom fid-dar mentri l-imputat beda jgħid verżjoni oħra mal-pulizija għax qal li l-flus kien tahom lill-Għarbi għax kien għadu kif għamel biċċa xogħol.

Xehed ukoll PC 599 Clive Mangion illi qal illi fit-2 ta' April 2005 malli ħareġ l-Għarbi mid-dar ta' l-imputat, huma kienu waqqfuh. L-isem ta' l-Għarbi kien Akram Al El Arbi Salem Osta. Dan kellu ħafna flus fuqu, mazzi, wieħed ta' LM300 u ieħor ta' Lm200 u ieħor ta' LM80. L-Għarbi qal illi kien daħal b'dawk il-flus id-dar waqt illi John Gerada qal illi kien daħal id-dar u għal hekk tah dawk il-flus. Mistoqsi fil-kontro eżami jekk l-imputat kienx tah spjegazzjoni dwar il-flus, ix-xhud wieġeb illi kienu għad-droga. Fil-fatt kien mar dan l-Għarbi għandu u John Gerada kellu jixtri xi droga. L-Għarbi ta d-droga lill-mara u l-mara tagħtu l-flus.

Xehed ukoll PC 1355 Cleon Purshouse illi dan qal li kien involut fit-tfittxija fid-dar ta' l-imputat. Fil-main bedroom fuq il-komodina kienu sabu tliet biċċiet resina għax kien hemm biċtejn fuq il-komodina u biċċa żgħira ġol-kexxun tal-komodina. Isfel imbgħad taħt cushion kienu sabu biċċa blokka suspettata resina tal-cannabis. Fil-kontro eżami x-xhud qal li joints ma kienx sab ġewwa r-residenza.

Ix-xjenzat is-Sur Godwin Sammut ppreżenta vera kopja tar-relazzjoni tiegħu għax l-oriġinali qegħda għand Maġistrat ieħor. Huwa kkonferma li kien maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti fit-2 ta' April 2005. It-total ta' tetrahydrocannabinol kien ta' 252.59 grammi u l-purita kienet madwar 13%.

Xehed ukoll PC 1213 Carlos Axisa. Dan qal li kien wieħed mill-pulizija involut fit-tfittxija fid-dar ta' l-imputat. Huwa qal li fil-kċina kien hemm cushions tal-foam u taħt

waħda minn dawn il-cushions instabet biċċa resina tal-cananbis sħiħa u din instabet minn PC 1220.

Fit-8 ta' Lulju 2005 l-ispettur Dennis Theuma ppreżenta vera kopja tal-proces verbal numru 571/05 redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman u li fil-preżent kien qiegħed f'kawża kontra Akram Al El Arbi Salem Osta quddiem il-Maġistrat Grixti. Miegħu ppreżenta wkoll vera kopja tax-xhieda ġuramentata mogħtija mill-imputat John Gerada u mill-mara tiegħu Mary Gerada quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman.

Xehed ukoll PS 1184 Patrick Grech li ppreżenta vera kopja ta' l-oriġinal tar-relazzjoni tiegħu li kienet saret fit-2 ta' April 2005 u hawn hekk huwa ppreżenta r-ritratti inklużi dawk tat-tliet bicciet ta' blokka ta' lewn kannella u loqma ta' sigarett u close up ta' tliet biċċiet ta' blokka imsemmija fuq il-miżien.

Fl-10 ta' Jannar 2006 xehed PC 1220 Chris Baldacchino li qal li kien tela' fil-kamra tas-sodda ta' l-imputat minn fejn eleva tliet bicciet suspettati tal-cannabis minn ġo ash tray. Kompliet is-search fil-kċina u taħt cushion ta' banketta kienu sabu biċċa resina kbira li huma jsibuha bħala sapuna.

Xehed ukoll PC 599 Clive Mangion illi qal li r-ritratti kien qed jarahom u minnhom kienet tidher il-blokka l-kbira li hu ra waqt it-tfittxija (fol 98). Din kienet instabet fid-dar ta' l-imputat.

Xehdet ukoll il-Probation Officer Victoria Grech li ppreżentat ir-rapport. F'dawn l-aħħar 4 xhur l-imputat kien qiegħed clean (fol 102 u 103). L-imputat kien dejjem żamm kuntatt magħhom. L-imputat dejjem żamm l-appuntamenti kollha. Huwa kien mar għall-għajnuna għand Dr. George Grech u kienet qed issegwieh ukoll is-social worker Rowena Mallia.

Il-Probation Officer reġgħet xehdet fit-23 ta' Novembru 2007. Din qalet illi kienet qed issegwi lil John Gerada fuq combination order illi kien taha l-Imħallef Scicluna. John

Gerada kien dejjem klient eżemplari. Kien qed imur għat-terapija biex jehles mill-problema tal-ħaxixa.

Xehed l-imputat fit-23 ta’ Novembru 2007. Huwa qal li kellu l-vizzju tal-ħaxixa u kien ipejjep il-ħaxixa. Hu kien ser jixtri nofs sapuna għax kien ikollu xogħol barra minn Malta bit-trakk u allura ried jkollu xi jpejjep. Barra ma kien jaf lil ħadd minn fejn jixtri. Ġieli qatta’ xahar barra fuq it-trakk. Dak iż-żmien kien jaħdem 16-il siegħa kuljum. Kien għajjien u mar jorqod u imbgħad ġew il-pulizija. Lill-pulizija kien spjegalhom min kien l-Għarbi u kien xehed fil-kawża ta’ l-Għarbi wkoll. Huwa ma kellu ebda intenzjoni li jbiegħ din il-cannabis. Kien ser itellagħha miegħu fit-trakk. Huwa s-soltu kien ipejjep il-cannabis id-dar biss. Fil-fatt huwa kien għamel stqarrija u qal li din kienet il-verita’. Huwa nnega illi t-terz ta’ dik is-sapuna li kien xtara kienet għall-bejgħ għal terzi persuni. Huwa nnega li kellu jinżel wieħed minn Għawdex biex jixtri dik is-sapuna. Huwa qal li kien ipejjep pakkett sigaretti tar-raża. U gieli pejjipha f’ġimgħa. Huwa dak iż-żmien kien jaħdem u anke l-mara tiegħu kienet taħdem.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li kellu vizzju għal snin twal li jpejjep il-pjanta cannabis. Xi ġimgħa u nofs qabel kien kellem lil Akram u kien tah xi xogħol anke fid-dar tiegħu għax dan kien bajjad. Staqsieh jekk setax iġiblu biċċa resina tal-pjanta cannabis kbira. Dak inhar Akram kien ġablu biċċa resina. Huwa kien lesta Lm300 fil-kcina biex jingħataw lil Akram. Il-mara kienet tagħtu l-flus u Akram tah id-droga. Il-mus qal li kien użah biex jaqsam f’żewġ biċċiet bicca resina tal-cannabis li kienet għandu u li l-pulizija elevat kif wkoll il-biċċiet tad-droga tal-cannabis li sabu l-pulizija fil-kamra tas-sodda tiegħu. Huwa baqa’ jinsisti li l-blokka li kien hemm kienet kollha għalih għax bħal dak iż-żmien id-droga kienet skarsa, il-prezz għoli ħafna u ried jistokkja biċċa kbira ħalli jkollu x’jieħu. Huwa kien jaħseb li kienet il-mara tiegħu li ħbiet is-sapuna fis-siġġu tal-kċina. Huwa kien ipejjep bejn 6 u 7 joints kuljum. Huwa kien jaħseb li l-biċċa blokka resina li kien xtara kienet ser isservieh madwar 6 xhur.

**Trattazzjoni**

**Il-Prosekuzzjoni**

Fit-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Imbagħad sostniet li kienu nstabu 10.5 grammi fil-kamra tas-sodda ta' l-imputat u isfel 244.5 grammi.

L-imputat ammetta li d-droga li nstabet id-dar kieent għall-użu personali tiegħu.

Il-Prosekuzzjoni argumentat ukoll li l-każi ta' pussess b'intenzjoni dejjem jitqiesu każ, kaz.

Il-fatt li l-imputat xtara sapuna għall-prezz, skon hu, tajjeb ta' L300 jfisser biss li kellu addiction qawwija u minħabba f'hekk jibqagħlu hu u jkollu għal terzi persuni. L-ammont għandu jikkonvinċi 'l Qorti li d-droga ma kenitx intiża għall-imputat biss.

**Id-Difiża**

Id-difiża ssottomettiet li l-Qorti trid tasel għall-inferenza li d-droga mixtrija ma kenitx intiża biss għall-imputat 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni. Insistiet li d-droga kient inxtrat bi prezz relativament irħis. Barra dan, jekk jien għandi l-vizzju, ser nieħu meta għandi aptit.

Li d-droga am tkunx għall-użu esklussiv ifisser jimplika li hemm ċirkostanzi li juru dan l-element intenzjonali.

L-imputat kellu drug habit qawwi u m'hemxm provi fil-proċess li juru li dan kien qiegħed jew sejjer jabbuża billi jagħti mid-droga lil ħadd ieħor.

L-imputat kien konsistenti fl-istqarrija u wkoll meta xehed. Il-Probation Officer ukoll ikkonfermat li l-imputat kellu drug habit qawwi.

U minn dak in-nhar issa naqqas skond ir-rapport tal-Probation Officer stess.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mix-xhieda okulari, mill-istqarrija ta’ l-imputat u mir-rapport forensiku jirriżulta li meta saret t-tfittxija fid-dar ta’ l-imputat kien hemm ir-raża cannabis f’ammont ta’ 252.59 grammi b’purita’ ta’ 13%. Dan l-ammont kien għadu kif ingħata lill-imputat minn persuna oħra li l-Pulizija kienet filfatt pproċediet kontriha.

Għaldaqstant il-Qorti m’għandha ebda dubju dwar il-pussess tar-raża tal-cannabis u ta’ l-ammont li nstab.

Il-kwistjoni kollha hija jekk wieħed għandux jemmen lill-imputat li din kienet kollha għalih jew, kif allegat il-Prosekuzzjoni, kemm waqt l-istqarrija ta’ l-imputat kif ukoll meta dan kien fuq il-pedana tax-xhieda, jekk xi parti kenitx intiża għal persuna oħra li kellha tiġi minn Għawdex.

L-ammont innifsu huwa wieħed **serjessimu** u,kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza mogħtija minnha nhar it-2 ta’ Settembru 1999;

**‘Huwa veru li meta l-ammont ta’ droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun ċirkostanza li waħida tkun biżżejjed biex tissoddisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati.’**

Dan ifisser li mhux bilfors irid ikun hemm provi oħra bħal, per eżempju, imqass, sachets, jew miżien biex ġudikant jikkonkludi li imputat kellu pussess aggravat. Il-Liġi mkien ma tirrikjedi l-provi kollha possibbli jew aktar minn prova waħda.

Il-Qorti qieset il-punti segwenti:

(i) Jekk l-imputat xtara d-droga minn għand min fornieh għax din kienet droga tajba, l-analiżi ma jaqbilx ma’ dak li qed jikkontendi. Ironikament, il-purita’ ta’din id-droga kienet ta’ 12% waqt li l-biċċiet tad-droga li kellu fil-kamra tas-sodda kellhom purita’ ta’ 13%.

(ii) L-imputat jgħid li t-tliet biċċiet li kellu fil-kamra tas-sodda – 1.01, 5.22 u 4.36 – kellhom iservuh madwar ġimgħa kull waħda minħabba **li kien naqqas id-droga**. Dan ifisser li 10.59 grammi kellhom iservuh tliet ġimgħat. Mela 242 gramma kellhom iservuh 68 ġimgħa u mhux sitt xhur biss (jew 26 ġimgħa) kif qal hu fl-istqarrija.

(iii) Sinifikanti wkoll, li skond ir-ritratti, parti mill-biċċa kbira ta' 242 grammi – tidher li ttieħdet minn xi ħadd għaliex ir-ritratt juri kantuniera barra u għalhekk s-sapuna ma kenitx sħiħa.

(iv) L-imputat jidher li seta' ffranka xi ħaġa tal-flus jekk wieħed jaċċetta li t-tliet biċċiet kienu parti minn **uqija**[1] li hu allegatament xtara għall-prezz ta' Lm50 waqt li l-242 gramma nxtraw għal tliet mitt lira Maltija (Lm300).

**(v) Tibqa' l-mistoqsija kif wieħed li qed inaqqas mid-drawwa (kif qal l-imputat fl-istqarrija) jixtri 242 gramma kannabis f'salt.**

(vi) Hemm ukoll mistoqsija oħra – kif jista'jkun li bniedem bi dħul modest iħallas prezz daqshekk għoli għal dak li hu kapriċċ jew vizzju qerriedi speċjalment jekk qed inaqqas mill-vizzju? Meta qed tnaqqas, xi skop hemm li tistorja daqshekk droga?

Wara li kkonsidrat dan kollu, l-Qorti baqgħalha xi ftit tad-dubju dwar il-pussess aggravat. F'dan il-każ dan jonqos xi ħaġa biex jelimina l-lurking doubt.

Fil-każ ċitat aktar 'il fuq kienu nvoluti 179.8 gramma cannabis u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabet il-verżjoni mogħtija mill-imputat verosimili.

***<u>Madankollu, l-Qorti kienet qalet ukoll li f'każi li jinvolvu dawn l-ammonti għandu jkun hemm piena karċerarja b'effett immedjat għaliex l-ammont ta' droga involuta huwa ammont li fih innifsu</u>***

[1] Uqija = 28.3495 grammi

***jikkostitwixxi perikolu għal terzi għax dak li jkun faċilment jista' jiddeċiedi li, flok ma juża dik id-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' ħadd ieħor.***

***Din il-Qorti ser timxi fuq il-prassi ta' din is-sentenza kif diġa' mxiet f'każ ieħor.***

Għalhekk il-Qorti mhix qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni iżda qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni jiġifieri ta' pussess sempliċi imma serju.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), u l-artikolu 29 (f'żewġ gradi) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni iżda qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti qed tapplika l-artikolu 29 f'żewġ gradi. Tenut kont ta' l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u tentu kont ta' l-ammont serjissimu nvolut, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li huwa għadda taħt arrest preventiv kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' Euros 1160. Dawn jistgħu jitħallsu bir-rata ta' mitt Euro kull xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel bir-rata ta' jum priġunerija għal kull 11.65 Euros mhux imħallsin.**

**Il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-esperti għaliex dawn kienu nħatru f'inkjesta qabel is-16 ta' Jannar 2006.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------